MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 82/2006

**Customs & Freight Agency Limited**
**(C – 17475)**

**vs**

**Antoine Micallef, Dennis Micallef u Renato Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-14 ta’ Marzu tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta’ rikorrenti sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhassru u jirrexxindu l-ircevuta datata 16 ta’ Frar tas-sena 2006, liema ricevuta tammonta ghal elfejn Lira Maltin, (LM2000.00,0), (Dok. “KA1”), rilaxxata a favur il-konvenut minn Kevin Attard, rapprezentant tas-

socjeta’ attrici, liema firma u kunsens min-naha ta’ Kevin Attard fuq l-imsemmija ricevuta li qieghda tidher li nghatat ‘a saldu’ giet ottenuta mill-konvenuti b’qerq u ingann min-naha taghhom u dana hekk kif se tipprova s-socjeta’ attrici waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

2. Bl-isepjjez u bil-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati datata s-6 t’April tas-sena 2006 li permezz taghha l-intimati eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-pagament li sar mis-socjeta’ attrici li ghalih inharget l-ircevuta msemmija fir-rikors gie accettat volontarjament, minghajr ebda rizerva min-naha ta’ l-istess socjeta’ attrici li kienet ben konsapevoli illi tali pagament kien qed isir a saldu;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta’ attrici kienet tissuplixxi lill-intimati ezercenti l-kummerc taht l-isem ta’ “Micallef Fish Shop” b’hut li l-imsemmija socjeta’ kienet timporta minn barra;

2. Illi f’perjodu ta’ erba’ (4) xhur li fih kien ghaddej dan in-negozju bejn il-partijiet hu allegat li l-

intimati akkumulaw kont ta' kwazi erbat elef Lira Maltin, (ara fol 14);

3. Illi ghalkemm is-socjeta' attrici ssostni li ghamlet diversi tentattivi biex tithallas l-ammont dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

4. Illi konsegwentement ir-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet giet interrotta u s-socjeta' rikorrenti ma baqghetx tforni lill-intimati bis-servizzi taghha;

5. Illi l-istess socjeta' attrici kienet kostretta tirrikorri ghall-mezzi legali u anke inharget ittra ufficcjali fir-rigward datata s-16 ta' Jannar tas-sena 2006, (ara fol 17);

6. Illi in risposta ta' l-istess, l-intimati irribadew li r-rikorrent ma setax jippretendi pagament stante li l-kundizzjoni tal-hut konsenjat ma rrizultax tajjeb ghall-konsum, (ara fol 19);

7. Illi wara li rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kien ircieva telefonata li wiehed mill-intimati kien ser ihallsu l-ammont t'elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), akkont, dan hatfu fil-kelma, halla kollox minn idjeh u mar jiltaqa' mieghu fil-post lilu ndikat;

8. Illi meta l-partijiet involuti ltaqghu wiehed ghadda l-flus lill-iehor u ta' l-ahhar intalab jiffirma ricevuta kif diligentement ghamel, u mhux biss, anzi kiteb ukoll ismu u l-indirizz ta' l-ufficcju, kollox allegatament minghajr ma kien qara l-kliem li kien fiha;

9. Illi l-procedura odjerna tippernja fuq dan il-fatt stante li l-firmatarju involut hassu raggirat;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti r-rizoluzzjoni ta’ din il-kawza m’ghandux ikunu difficli;

Illi dak li jirrizulta hu s-segwenti:

1. Illi s-socjeta’ rikorrenti tallega li ghandha tithallas ammont lilha dovut mill-intimati;

2. Illi meta rapprezentant tas-socjeta’ de quo inghata pagament f’isem l-intimati intalab jiffirma ricevuta;

3. Illi ma jirrizultax li kien hemm xi pressjoni indebita fir-rigward u l-firmatarju kellu l-hin kollu li jezamina l-ircevuta li nghatat f’idejh;

4. Illi di piu`, jirrizulta li l-istess firmatarju hu wiehed t’esperjenza f’dan il-qasam tal-kummerc;

Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li s-socjeta’ rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi billi ma rriskontrat xejn nefast u raggirevoli fl-operat tal-persuna li ghadda l-ircevuta lill-firmatarju de quo;

Illi in effetti hu l-obbligu ta’ kull min isib ruhu f’tali sitwazzjoni li jifhem ghal xiex qieghed jiffirma, altrimenti jigi fix-xejn il-principju tac-certezza tad-dritt li hu tant necessarju specjalment fil-kamp kummercjali, u hu kollu inutili li wara li wiehed ikun gia` kkommetta ruhu billi attesta l-firma tieghu, isostni li ma kienx jaf it-tifsira tal-kelma involuta;

Illi di piu’, din il-qorti tqis l-istess allegazzjoni bhala inverosimili meta jigi konsiderat li dan qed jigi allegat minn persuna li ghandha esperjenza ta’ diversi snin fil-kummerc;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti, ma tqisx li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz taghha

skond il-ligi u konsegwentement tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------